MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2012

Mandat Numru. 1018/2012/1

**Maria Theresa sive Marthese Vella u**
**ghal kull buon fini zewgha Joseph Vella**

**vs**
**Lugarda u Edgar konjugi Cachia**

## Il-Qorti

Rat it-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni da parti tar-rikorrenti li saret fit-12 ta' Lulju 2012;

Rat ir-risposta tal-intimati tas-16 ta' Lulju 2012;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012.

## Ikkunsidrat

Ir-rikorrenti qed jitolbu lil Qorti li tinibixxi lill-intimati milli jghaddu minn passagg proprjeta tar-rikorrenti formanti

parti minn porzjon ghalqa assenjata lilhom b'kuntratt ta' divizjoni tal-14 ta' Jannar 1999 u li fuqha kien hemm biss soggezzjoni ghad-dritt ta' passagg bir-rigel a favur ta' porzjon ta' ghalqa proprjeta tal-ahwa Spiteri. L-intimati gew assenjati prozjoni ohra ta' art biswit dik tar-rikorrenti bl-istess kuntratt ta' divizjoni u ma gew moghtija ebda dritt ta' passagg. Jinghad ghal kompletezza illi Maria Vella u Ludgarda Cachia huma ahwa.

L-intimati jopponu ghal din it-talba fl-ewwel lok fil-konfront ta' Joseph Vella li qed jigi allegat li ma ghandux interess guridiku jippromuovi l-mandat odjern. Din l-eccezzjoni tidher gustifikata billi l-art mertu tal-mandat hi proprjeta parafernali ta' Maria Theresa Vella li pperveniet lilha bil-kuntratt ta' divizjoni bejn l-ahwa fil-1999, u kwindi Joseph Vella ma ghandu ebda sehem fuq din l-art.

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

L-intimati jopponu fil-mertu billi jallegaw illi l-art taghhom hi interkjuza u ma hemmx access iehor ghall-art taghhom hlief mill-passagg. Ir-rikorrenti ipprovaw f'zewg okkazjonijiet izommu lil intimati milli jghaddu mill-passagg billi ghamlu ostakolu materjali pero dawn tnehhew mill-intimati. Inoltre l-intimati gew liberati mill-Qorti tal-

Magistrati (Sede Kriminali) minn kull akkuza ta’ raggion fattasi u sussegwentement minn azzjoni ta’ spoll li saret mir-rikorrenti kontra l-intimati.

Din il-Qorti tqis illi s-sentenza ta’ spoll, ghalkemm moghtija mill-ewwel Qorti u ma jirrizultalhiex jekk hemmx appell, fl-istess ismijiet ta’ dan il-mandat deciza fil-25 ta’ Gunju 2010 (citaz. 517/2010), li accettat l-eccezzjoni tal-intimati ta’ vim vi ripellere licet tpoggi fil-perspettiva gusta din il-vertenza. Il-Qorti, accettanti din l-eccezzjoni, implicitament ikkoncediet li l-intimati kellhom il-pussess tal-passagg u ghalhekk kien lecitu ghalihom, fil-limiti li trid il-ligi, li jireagixxu biex jistabilixxu l-istatus quo ante, cioe l-pussess li kellhom.

Dan hu l-istat ta’ fatt illum, dejjem bla pregudizzju ghat-titolu vantat mir-rikorrenti u gudizzju fuq il-mertu cioe d-dritt o meno li l-intimati jghaddu mill-passagg.

Sakemm pero jigi deciz fil-mertu dan id-dritt, jew nuqqas tieghu, l-istat ta’ fatt illum hu illi l-intimati ghandhom il-pussess tal-istess passagg, ikkonfermat mill-Qorti fil-kawza ta’ spoll mressqa mir-rikorrenti u ma jaghmilx sens legali ghalhekk illi r-rikorrenti sokkombenti fuq il-kwistjoni tal-pussess, jitolbu lil din il-Qorti sabiex tinibixxi lill-intimati milli juzaw il-passagg cioe li jigi ostakolat lill- intimati l-pusses rikonoxxut mill-Qorti fil-kawza deciza. Kwindi josta ghar-rikorrenti d-dritt prima facie li jichdu lill-intimati minn att implicitu tal-pussess cioe l-uzu tieghu qua passagg. Dan ovvjament minghajr ebda pregudizzju ghad-dritt tar-rikorrenti illi jgibu l-quddiem u jekk ikun il-kaz li jirnexxu f’azzjoni ad hoc fuq id-dritt taghhom skond il-kuntratt ta’ divizjoni li jzommu lil intimati milli jkomplu juzaw il-passagg billi ma ghandhomx ebda dritt fir-rigward.

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimati.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------